A.L. 133 ta' l-1993

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

Regolamenti ta' l-1993 li jemendaw ir-Regolamenti dwar id-Drittijiet għal Tagħlim

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 41 ta' l-Att dwar l-Edukazzjoni, il-Ministru ta' l-Edukazzjoni u Riżorsi Umani, bi ftehim mal-Ministru tal-Finanzi, għamel ir-regolamenti li ġejjin:—

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1993 li jemendaw ir-Regolamenti dwar id-Drittijiet għal Tagħlim u għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda mar-regolamenti ta' l-1975 dwar id-Drittijiet għal Tagħlim, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali". A.L. 81 ta' l-1975.

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jitqiesu li daħlu fis-seħħ fl-1 ta' Settembru, 1993.

Jemenda r-regolament 3 tar-regolamenti prinċipali.

2. Minflok il-paragrafu (1) tar-regolament 3 tar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:—

"(1) Id-drittijiet li għandhom jitħallsu minn ċittadini barranin li jkunu qegħdin jingħataw tagħlim *"full-time"* f'xi livell ta' tagħlim li jidher fl-ewwel kolonna ta' l-Iskeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti, imniedi mid-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni, għandhom ikunu dawk id-drittijiet li jidhru biswit il-livell ta' tagħlim fit-tieni kolonna ta' l-istess Skeda.".

Jissostitwixxi l-Iskeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali.

3. Minflok l-Iskeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali, għandha tidħol din l-Iskeda ġdida li ġejja:—

"SKEDA

(Regolament 3)

Tagħlim Full-Time

L-Ewwel Kolonna Tagħlim fil-livelli li ġejjin:—	It-Tieni Kolonna Drittijiet li jitħallsu minn Ċittadini barranin
Kindergarten	Lm200
Primarju	Lm200
Sekondarju	Lm240
Post-Sekondarju (Arts)	Lm280
Post-Sekondarju (Science)	Lm280
Skejjel tas-Snajja'	Lm240.".